MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Talba Numru. 1997/2004

**Angele Caruana**
**(ID 297963M)**

**Vs**

**The Royal Malta Yacht Club**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta` Ottubru, 2004 fejn l-attrici qed titlob sabiex il-Club konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` seba` mija u hamsa u erbghin lira, sebgha u hamsin centezmu (Lm745.57) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta` Lm719.40 bhala hlas ghal leave mhux mehud, kwantu ghal Lm10 bhala refuzjoni ta` taxxa li giet imnaqqsa inutilment u kwantu ghal Lm16.17 bhala refuzjoni ta` pagament ta` sigurta` socjali li l-attrici sfat kostretta li thallas.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz kontra l-Club konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Club konvenut datata 23 ta` Novembru, 2004 fejn in linea preliminari giet sollevata l-eccezzjoni ta` n-nes bis in idem in vista tal-fatt li l-attrici kienet intavolata proceduri ohra quddiem it-Tribunal Industrijali ghal tkeccija ngusta. Giet eccepita inoltre l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2147 c Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta u dana peress li ma jistax jithallas leave entitlement ghal aktar minn sena. U kif ukoll b'mod generiku li t-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u b'riserva ghal prezentata ta` eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi migjuba nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-attrici pprezentat prospett a fol 12 tal-process mnejn jirrizulta li t-talba taghha sabiex tithallas ghal leave mhux mehud jirrisali sa mis-sena 2000 u l-kitba bil-lapes tnizzel mid-dipartiment tal-labour office dejjem fuq l-informazzjoni li tathom hija stess (Dok AC1). Illi l-kwistjoni kollha f'dan il-kaz huwiex jekk kinietx il-prassi fi hdan il-club konvenut li jhallu il-leave mhux mehud jigi "carried forward" ghas-sena u snin sussegwenti – altrimenti wiehed jista` biss jitlob ghal hlas relattiv ta` dak li ma kienx lehaq ha sa sena wara biss minhabba t-terminu preskrittiv sollevat mill-club konvenut.

Tony Terreni li ghamel zmien segretarju tal-Club sas-sena 2002 jikkonferma li l-attrici kienet impjegata full time ghal perjodu indefinit mal-Club konvenut taht il-kondizzjonijiet generali ta` impjieg inkluz dawk relatati ma` leave entitlement. Jghid ukoll li jekk kien hemm xi granet leave li ma tkunx hadet sa l-ahhar tas-sena, dawn kienu jizdiedu mas-sena ta` wara.

L-attrici tispjega li damet tahdem mal-club konvenut mis-sena 1997 sas-sena 2004. Bdiet b’erba` sieghat kuljum, kompliet b’sitt sieghat kuljum u mis-sena 2002 regghet nizlet ghal erba` sieghat kuljum. Meta l-impjieg taghha gie terminat fis-sena 2004 hija marret tindaga mad-Dipartiment tax-xoghol dwar il-leave entitlement taghha li hargulha l-workings murija fuq Dok AC1 fuq informazzjoni moghtija minnha stess u minn fuq liema dokument hija qieghdha tibbaza t-talba odjerna taghha. Tallega li sakemm spiccat fis-sena 2004 kienet akkumulat granet leave mhux mehuda ta` hamsin gurnata. L-attrici ssostni li ghalkemm ma kienx hemm ftehim bil-miktub li l-leave mhux mehud kien jigi carried forward, hija kienet inghatat x’tifhem li hekk kienet il-prassi adottata mill-Club konvenut. Difatti s-segretarja ta` qabilha kienu halsuha tal-leave kollu akkumulat sena wara ohra. Tammetti pero` li Peter Dimech, s-segretarju tal-Kumitat li lehaq wara Terreni kien qalilha li l-leave mhux mehud kienet tilfitu. Tikkonferma wkoll li mis-sena 2000 ‘l quddiem kienet tithallas kull xahar.

Marlene Cefai li hadmet bhala segretarja tal-Club ghal hafna snin spjegat li kien difficli ferm biex tiehu l-leave peress li impjegati kienu ftit u x-xoghol kien hafna. Illi ghalhekk kienu adottaw is-sistema li l-leave mhux mehud tithallas tieghu. Fil-fatt hija ssostni li l-club kien ihallasha mhux biss tas-sena li kienet ghadha kemm ghaddiet izda anke tas-snin ta` qabel. Tghid “Ma niftakarx pero` ta` kemm il-gurnata leave jiena kont thallast pero` kien hemm mhux hazin”. Kemm damet mal-Club hija kienet thalset tal-leave akkumulat ta` aktar minn sena wara fuq diversi okkazzjonijiet cioe` mhux ta` darba.

Peter Dimech prodott mill-club konvenut ipproduca prospett immarkat PD1 fejn jindika l-qaghda tal-leave ta` l-attrici ghas-snin 2003 u 2004. Dwar is-snin ta` qabel m`ghamel ebda indagini u ma jaf xejn. Minn dan id-dokument jirrizulta li l-Club konvenut qed jaccetta li huwa debitur ta` l-attrici fis-somma ta` Lm137.70. Iz-zewg nahat jaqblu li fis-sena 2004 l-attrici kienet hadet il-leave kollu pero` ghas-sena 2003 il-club jghid li l-attrici hadet 19 il-jum leave filwaqt li l-attrici tghid li hadet 16 il-jum biss –

differenza ta` tliet ijiem. Dwar il-hlas tal-bolla, dan ix-xhud donnu qed jghid li qed jaqbel li l-bolla tnaqset kollha mill-paga ta` l-attrici minghajr ma kienu ziedu l-istess paga taghha minn qabel sal-valur tal-bolla.

Il-Commodore tal-Club konvenut George Bonello Du Puis xehed illi s-sistema tal-Club kienet li l-leave mhux mehud jigi biss carried forward ghas-sena sussegwenti biss u mhux li jibqa` jigi carried forward minn sena ghal sena. Ma kienx jaf pero` bic-cert jekk l-impjieg ta` l-attrici kienx kopert b'kuntratt formali o meno. Jikkonferma wkoll pero` li meta Marlene Cefai kienet spiccat minn mal-club hija kienet thalset kumpens ta` xi hames t'elef lira ghalkemm il-club ma kienx f'qaghda finanzjarja tajba pero` ma ftakarx jekk dan kienx kumpens ghal terminazzjoni jew ossia relatata ma` xi leave entitlement.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-attrici rnexxiela tressaq provi soddisfacenti li l-prassi fil-club kienet li impjegat kien jithallas ghal leave mhux irrispettivament mill-moghdija tas-snin Dan il-konvinciment jinsab kristalizzat fi kliem l-ex segretarja tal-Club Marlene Cefai fejn qalet li mpjegati kienu ftit u xoghol hafna. Jinsab konfermat ukoll mill-fatt ammess miz-zewg nahat li l-istess impjegata Cefai kienet thalset ghal leave kollu li kienet intitolata ghalih irrispettivament minn kemm kienu ghaddew snin. Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss li fuq bazi ta` ekwita, il-club konvenut certament ma ghandux jimxi mod iehor ma` l-attrici partikolarment jekk hija nghatat x'tifhem li ma kinietx sejra titlef il-leave mhux mehud il-ghaliex kienet sejra tithallas tieghu.

Illi l-ammont mitlub mill-attrici ghandu pero` jigu aggustat fis-sens illi ghalkemm hija ppruvat it-talba taghha dwar il-hlas tal-bolla tramite l-ammissjoni ta` Peter Dimech, hija ma gabet ebda prova dwar l-Lm10 taxxa mnaqqsa inutilment. Barra minnhekk ghas-sena 2003 jirrizulta li hija hadet 19 u mhux 16 il-jum leave, kwindi ghandha tithallas ta` tliet ijiem anqas cioe` Lm32.40 inqas.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-club

konvenut dwar in-ne bis in idem stante li mhux applikabbli ghal meritu tal-kaz odjern; jichad ukoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni ta` l-azzjoni odjerna in vista tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula; jichad ukoll l-eccezzjonijiet tal-club konvenut fil-meritu kwindi jilqa` it-talba attrici, b'dan illi l-ammont dovut qed jigi likwidat fis-somma ta` Lm703.17 u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-Club konvenut ihallas lill-attrici s-somma fuq likwidata fl-ammont ta` seba` mija u tliet liri, sbatax il-centezmu (Lm703.17) bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess Club konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------